MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 17/2022 LM

**Claire Savona (K.I. nru. 519583M)**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mid-**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**, hawnhekk 'l-appellant', minn deċiżjoni tal-Arbitru tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], tat-18 ta' Ottubru, 2022, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha l-Arbitru ddeċieda li għandu jilqa' l-appell ippreżentat mir-rikorrenti **Claire Savona (K.I. nru. 519583M)**, hawnhekk 'l-appellata', minn deċiżjoni meħuda mid-Direttur Ġenerali tas-

Sigurtà Soċjali fit-22 ta' Mejju, 2018. Permezz ta' dik id-deċiżjoni, ir-rikorrenti kienet ġiet infurmata mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali li hija kienet tħallset żejjed l-ammont ta' €17,947.89 f'Għajnuna Soċjali fil-perijodu bejn id-29 ta' Settembru, 2012 u l-10 ta' Frar, 2017. Ir-rikorrenti ġiet infurmata wkoll li dan il-ħlas żejjed ser jitnaqqas bir-rata ta' 30% mill-Għajnuna Soċjali jew minn xi benefiċċji oħra li qegħdin jitħallsu lilha mid-Dipartiment. Id-Direttur Ġenerali intimat talab lir-rikorrenti tirrifondi l-imsemmi għaliex ir-rikorrenti ma kinitx għadha Kap ta' Familja, kif ukoll għaliex hija kellha riżorsi li jeċċedu l-massimu stabbilit mil-liġi, u għalhekk ħadet benefiċċji li ma kinitx intitolata għalihom.

**Fatti**

2. Ir-rikorrenti bagħtet ittra lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fit-18 ta' Ġunju, 2018, fejn qalet li d-Direttur Ġenerali intimat kien għamel eżami superfiċjali u formalistiku tas-sitwazzjoni tagħha deskritta bħala "unika", u ddeċieda li ma jilqgħax it-talba li hija għamlet għall-Assistenza għal Diżabilità Severa, u kkastigaha aktar billi talabha trodd lura l-ammont ta' €17,947.89. Ir-rikorrenti spjegat li d-dħul tagħha huwa wieħed minimu ħafna, u hija regolarment tissellef flus mingħand iz-zijiet tagħha sabiex tkun tista' tgħix. Spjegat li hija m'għandhiex impjieg u minħabba fil-kundizzjoni ta' saħħa tagħha, huwa diffiċli għaliha li ssib impjieg. Qalet li l-assi finanzjarji tagħha ġew żvelati lid-Direttur Ġenerali intimat, u li għandu jirriżulta li hija m'għandhiex il-mezzi biex tgħix u biex tgħajjex lil uliedha. Ir-rikorrrenti spjegat li hija ssofri minn *sensory neuropathy,* kundizzjoni li minħabba fiha m'għandhiex sensittività għall-uġigħ u nuqqas ta' sensazzjoni fl-estremitajiet ta' ġisimha. Qalet li hi u ħuha

trabbew miz-zijiet tagħhom minħabba problemi li kellhom fil-familja, u z-ziju tagħha kien ġie nieqes wara xi żmien, filwaqt li zijitha mardet serjament, bir-riżultat li ma kienx aktar vijabbli għaliha li tibqa' tgħix *f'penthouse* fil-Gżira fejn kienet tgħix mar-rikorrenti. Ir-rikorrenti spjegat li l-ex-sieħeb tagħha, ċertu Stuart Brett, kien xtaq jinvesti r-rikavat minn proprjetà li kien biegħ fir-Renju Unit, iżda ma kellux biżżejjed flus biex seta' jixtri proprjetà hawn Malta, u l-bank ma kienx ser itih il-faċilitajiet ta' self biex jagħmel dan. Qalet li hija kienet l-unika persuna li setgħet tieħu self bankarju, u z-zija tagħha kienet kostretta tbiegħ il-*penthouse* fejn kienet tgħix, u tixtri dar aktar komda għall-bżonnijiet tagħha. Ir-rikorrenti qalet li kien għalhekk li hi, iz-zija tagħha Josephine Calleja, u Stuart Brett, iddeċidew li jpoġġu r-riżorsi tagħhom kollha flimkien sabiex jixtru proprjetà fil-Mellieħa, liema proprjetà nxtrat kwantu għal 80% f'isem ir-rikorrenti u 20% f'isem Stuart Brett. Qalet li l-flus għall-akkwist ta' din il-proprjetà nħarġu fil-parti l-kbira tagħhom, miz-zija tagħha. Qalet ukoll li hija kienet miżżewġa lil ċertu Claude Savona, u li flimkien huma kienu xtraw proprjetà f'Birkirkara. Qalet li wara s-separazzjoni tagħha minn ma' Claude Savona, kemm id-dejn li kien hemm mal-bank, kif ukoll it-titolu fuq din il-proprjetà f'Birkirkara, inqalbu f'isimha. Qalet li għalhekk, minkejja li jidher li hija għandha żewġ proprjetajiet f'isimha, fil-verità l-unika proprjetà tagħha hija dik ta' Birkirkara. Qalet ukoll li d-deċiżjoni li ħa d-Direttur Ġenerali intimat wasslet biex hi mhux talli tilfet l-assistenza għad-diżabilità severa, iżda wkoll twaqqfitilha l-assistenza soċjali, u qiegħda tintalab trodd lura somma ta' flus konsiderevoli. Qalet li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn il-perijodu tal-allegat ħlas żejjed għandu jirrisali għal Settembru tal-2012, għaliex il-kuntratti tal-proprjetajiet li nbiegħu u li ġew akkwistasti huma kollha aktar viċin minn dik id-

data. Qalet li għalhekk id-data magħżula mid-Direttur Ġenerali intimat hija waħda arbitrarja u mingħajr bażi legali. Ir-rikorrenti qalet li anki d-deċiżjoni li l-ħlas żejjed li sar lilha jinqata' bir-rata ta' 30% mid-dħul mill-benefiċċji soċjali li hija għadha tirċievi, hija deċiżjoni li ser twassal lilha u lil uliedha biex jgħixu fil-faqar, għaliex hija m'għandha l-ebda introjtu għajr għal somma żgħira li tgħaddilha z-zija tagħha kull xahar, u l-benefiċċji soċjali li kienet tirċievi.

3. Ir-rikorrenti ppreżentat kopja ta' kuntratt tat-22 t'Awwissu, 2014 fl-atti tan-Nutar Maria Spiteri, li permezz tiegħu r-rikorrenti u Stuart Antony Brett ħadu self bankarju fl-ammont ta' €55,000, sabiex jakkwistaw l-utile dominju temporanju għaż-żmien li fadal minn 150 sena li bdew jiddekorru fid-9 ta' Novembru, 1963 fuq il-plot 454, 'Il-Wied ta' Għajn Żejtuna', Santa Maria Estate, il-Mellieħa, liema proprjetà nxtrat għall-prezz komplessiv ta' €815,000, €750,000 għall-proprjetà u €65,000 għall-għamara.

4. Waqt ix-xhieda tagħha quddiem l-Arbitru, ir-rikorrenti spjegat li hija l-unika eredi taz-zija tagħha minħabba l-fatt li din tal-aħħar m'għandhiex tfal, u z-zija rabbietha qisha bintha. Ir-rikorrenti qalet li l-proprjetà fil-Mellieħa nxtrat għaliex iz-zija tagħha, minħabba l-età u l-istat ta' saħħa tagħha, kellha tbiegħ *penthouse* il-Gżira fejn kienet tgħix. Qalet li l-proprjetà fil-Mellieħa nxtrat bil-ħsieb li hi, iz-zija tagħha, u Stuart Brett ikunu jistgħu jgħixu kollha fl-istess fond. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, ir-rikorrenti spjegat li hija ssofri minn diżabilità severa, u li kienet tirċievi l-benefiċċju tal-Għajnuna Soċjali għad-Diżabilità, liema benefiċċju kien twaqqaf fl-2006 wara li hija żżewġet lil Claude Savona. Qalet li hija ma baqgħatx tirċievi la assistenza soċjali u lanqas assistenza għal diżabilità bejn l-2006 u l-2010. Qalet li hija sseparat minn mar-raġel tagħha

fl-2006, u sussegwentement bdiet relazzjoni ma' Stuart Brett, minn fejn twieldet tarbija fl-2009. Ir-rikorrenti qalet li minkejja li din ir-relazzjoni spiċċat ukoll, hi u Brett baqgħu f'kuntatt regolari. Ir-rikorrenti spjegat li qabel ma akkwistat il-proprjetà fil-Mellieħa għan-nom taz-zija tagħha, hija kienet tkellmet mal-uffiċjali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, li assigurawha li setgħet tipproċedi bil-kuntratt għaliex din il-proprjetà tal-Mellieħa kienet ser tkun villeġġatura. Qalet li hija xtaqet tibdel ukoll it-tip ta' benefiċċju li kienet tirċievi għal wieħed ta' assistenza għal diżabilità severa, għaliex b'din it-tip ta' assistenza hija setgħet taħdem, iżda minkejja li ssottomettiet id-dokumentazzjoni kollha mitluba minnha u ppreżentat applikazzjoni għal dan il-għan, sussegwentement ġiet infurmata li l-karti tagħha ntilfu kollha. Ir-rikorrenti spjegat li l-proprjetà fil-Mellieħa ġiet akkwistata formalment minnha u minn Stuart Brett għan-nom ta' Josephine Calleja, iz-zija tar-rikorrenti, u dan l-arranġament seta' jiġi kkonfermat min-Nutar Maria Spiteri li rrediġiet il-kuntratt.

5. Ir-rikorrenti spjegat li l-kundizzjoni li hija ssofri minnha taqa' perfettament fid-definizzjoni ta' 'Persuna Gravement Diżabilità' skont l-artikolu 2 tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk hija intitolata għal dan il-benefiċċju *ai termini* tal-artikolu 27(1) tal-Kap. 318. Ir-rikorrenti qalet ukoll li għall-fini tal-kalkolu tal-mezzi, l-unika proprjetà tagħha hija dik ġewwa Birkirkara, liema proprjetà m'għandhiex titqies għall-finijiet ta' dan il-kalkolu, skont l-artikolu 1(a) tat-Taqsima V tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318. Qalet ukoll li l-uniku dħul li għandha huwa mill-benefiċċji soċjali, u għalhekk l-introjtu tagħha huwa fil-limiti stabbiliti mill-artikolu 1(b) tat-Taqsima V tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318. Ir-rikorrenti qalet li hija ma teċċedix il-kalkolu tal-mezzi kapitali skont l-artikolu 1(a) tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318.

6. Ir-rikorrenti spjegat ukoll li hija *single mother,* li m'għandha l-ebda introjtu u li qiegħda tgħix billi tbiegħ l-oġġetti personali tagħha, u bil-karità ta' zijitha. Qalet li l-introjtu limitat li kellha minn dawn il-benefiċċji kien ta' sostenn għall-għajxien tagħha u ta' uliedha, f'ċirkostanzi fejn hija prekluża milli taħdem minħabba raġunijiet mediċi gravi li m'għandha l-ebda kontroll fuqhom. Qalet li minħabba d-deċiżjonijiet tad-Direttur Ġenerali intimat, mill-ammont ta' €313.04 li tirċievi bħala *Children's Allowance,* id-Dipartiment naqqsilha €234 minnhom sabiex b'hekk f'idejha qiegħda taqla' €78.26 kull tliet xhur. Qalet ukoll li hija qiegħda tintalab tħallas is-somma ta' €17,947.89 f'arretrati, u dan għaliex id-Direttur Ġenerali intimat qiegħed jitlob ħlasijiet b'lura sal-2012, għaliex hija kienet żżewġet. Qalet li d-diżabilità tagħha kompliet tiggrava wara ż-żwieġ, u għalhekk huwa ironiku kif l-assistenza twaqqfitilha minħabba li żżewġet. Qalet li bil-fatt li d-Direttur Ġenerali intimat mar lura għad-data taż-żwieġ tagħha, dan qies li r-rikorrenti m'għandhiex titqies aktar bħala 'Kap ta' Familja', għaliex li kieku ma kienx hekk, id-Direttur Ġenerali ma kienx jagħżel id-data taż-żwieġ tagħha bħala d-data minn meta beda l-*overpayment.* Qalet li kien minħabba f'din id-deċiżjoni diskriminatorja, li lilha nqatgħulha l-benefiċċji kollha li kienet tirċievi, iżda l-fatt li żewġha ġie meqjus bħala Kap ta' Familja ma jnaqqas xejn mit-tbatija u l-mard li sofriet u għadha qiegħda ssofri hi.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

7. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-18 ta' Ottubru, 2022, l-Arbitru ta d-deċiżjoni wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Ikkunsidra:***

*Illi fit-22 ta' Mejju, 2018, id-Direttur tas-Sigurtà Soċjali informa lill-appellanti li hija tħallset żejjed is-somma ta' €17,947.89 fil-Għajnuna Soċjali għall-perijodu mit-29/09/2012 sa 10/02/2017 minħabba li għandha kapital jeċċedi u minħabba l-fatt li mhix kap tal-familja;*

*Illi permezz ta' appell intavolat mill-appellanti datat 18 ta' Ġunju, 2018, l-appellanti esprimiet l-oġġezzjoni tagħha għad-deċiżjoni tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, fejn l-eżami tad-Dipartiment ġie riferut bħala wieħed superfiċjali u formalistiku għas-sitwazzjoni unika tal-appellanta fejn hija tbati minn "*sensory neuropathy*" b'dan illi l-estremitajiet ta' ġisimha qegħdin imutu bil-mod il-mod u għalhekk, m'għandhiex impjieg. Illi l-appellanta spjegat kif għalkemm jidher li għandha żewġ proprjetajiet, hi għandha proprjetà waħda li hi d-dar f'Birkirkara, u spjegat ukoll kif il-proprjetà tal-Mellieħa hija taz-zija tagħha minkejja li l-*bank loan *inħarġet f'isimha għaliex iz-zija tal-appellanti ma setgħetx tieħu loan. Illi l-appellanta stqarret ukoll li din l-istess loan qiegħda tiġi mħallsa mill-ex partner tal-appellanta. Minkejja dan kollu, l-appellanti esprimiet l-oġġezzjoni tagħha wkoll fir-rigward tal-perijodu tal-ħlas, fejn id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali nforma li l-ħlas żejjed beda mid-29 ta' Settembru, 2012, iżda l-appellanta stqarret illi l-kuntratti tal-proprjetajiet kollha huma aktar viċin minn dik id-data;*

*Illi l-appellanti ppreżentat numru ta' dokumenti, fosthom;* property transfers, bank statements, joint bank statements, *kuntratti ta'* loan *u kuntratti tal-bejgħ tal-proprjetajiet. Illi l-ittri mibgħuta mill-bank 'APS', fir-rigward ta' '*refinance home loans' *u l-'*end finance home loans' *huma* loans *rispettivament għall-proprjetajiet ta' Birkirkara u l-Mellieħa, li l-appellanta għandha rispettivament mal-ex raġel tagħha u mal-ex* partner *tagħha. Illi l-kuntratt tal-bejgħ tal-proprjetà taz-zija tal-appellanta huwa datat 21/08/2014, u l-istess flus mill-bejgħ intużaw sabiex tinxtara l-proprjetà tal-Mellieħa (€455,000), li fil-prinċipju l-appellanta tgħid li hija tal-*ex-partner *tagħha u taz-zija tagħha, u tittieħed loan fuq il-kumplament, liema kuntratt ta' loan huwa datat 22/08/2014;*

*Illi permezz ta' affidavit ippreżentat mill-appellanta fit-23 ta' Jannar, 2018, hija tenniet il-pożizzjoni tagħha filwaqt li spjegat ukoll kif il-proprjetà tal-Mellieħa hija mixtrija parzjalment bi flus taz-zija tagħha u parzjalment bil-*loan *surreferit, f'isimha u f'isem l-*ex partner *tagħha. Illi b'ittra datata 11/10/2017, miktuba min-Nutar Maria Spiteri, hija kjarifikat li l-istess proprjetà se tkun indirettament amministrata miz-zija tal-appellanti u l-appellanta flimkien mal-*ex partner *tagħha ser ikunu biss '*bare owners'*. Illi b'referenza wkoll għal '*bank statement'*uriet kif il-loan ittieħdet flimkien*

*mal-*ex partner *tagħha u stqarret li l-pagamenti qegħdin isiru kollha minnu. Fl-affidavit stqarret ukoll li wara s-separazzjoni mal-ex raġel tagħha, hija rċeviet permezz ta' donazzjoni mingħandu, sehmu fil-proprjetà ta' Birkirkara u tinstab tħallas il-kumplament tal-*loan *bl-għajnuna taz-zija tagħha;*

*Illi permezz tal-ittra datata 30 ta' Jannar, 2019, id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali ta r-risposta tiegħu għall-appell tal-appellanta u stqarr illi l-appellanta għandha kapital jeċċedi permezz tal-ishma tagħha fil-proprjetajiet ta' Birkirkara u l-Mellieħa, kif ukoll kellha lill-*ex partner *tagħha jirrisjedi magħha, u għalhekk ma kinitx tifforma kap ta' familja;*

*Illi waqt is-seduta datata 14 ta' Mejju, 2019, l-appellanta ppreżentat kuntratt ta' mandat* presta nome *bejnha u bejn iz-zija tagħha li juri biċ-ċar li minkejja li l-proprjetà u l-*loan *qegħdin f'isem l-appellanta, il-proprjetà hija fil-verità taz-zija u li din se tħallas lura l-*loan repayments *lill-appellanti. Illi stqarret ukoll li hija l-eredi taz-zija tagħha minħabba l-fatt li din tal-aħħar m'għandhiex tfal;*

*Illi permezz tal-ittra datata 22 ta' Lulju, 2019, id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali għamel referenza għall-verbal tas-seduta tal-14 ta' Mejju, 2019 u talab li tinġieb kopja tal-konvenju tal-bejgħ li sar miz-zija tal-appellanti meta biegħet il-blokka appartamenti fil-Gżira, kif ukoll kopja tal-konvenju tax-xiri tal-proprjetà tal-Mellieħa, liema xiri sar mill-appellanti u Stuart Brett;*

*Illi permezz tal-ittra datata 13 ta' Ottubru, 2020, id-Dipartiment għamel referenza għad-dokumenti esebiti mill-appellanta, u insista biex il-pożizzjoni tiegħu tinżamm l-istess abbażi tal-fatt li l-valur tal-proprjetà tal-Mellieħa huwa ta' €815,000 u tinstab ġewwa Sta. Maria Estate;*

*Illi permezz tan-nota ta' sottomissjonijiet intavolata mill-appellanti, esprimiet fatti rigward it-trobbija tagħha, kif ukoll rigward il-kondizzjoni prekarja tas-saħħa tagħha. Illi spjegat ukoll kif iz-zija tagħha biegħet il-proprjetà tal-Gżira u xtrat il-proprjetà tal-Mellieħa, b'għajnuna ta'* bank loan *f'isem l-appellanta. Il-*bank loan *ittieħdet kemm minn l-appellanta, kif ukoll minn ċertu Stuart Brett, li llum il-ġurnata jgħix ukoll fil-proprjetà tal-Mellieħa, iżda indipendentement mill-oħrajn. Illi l-appellanta għal darb'oħra rreferiet għall-kuntratt* presta nome *li sar f'isem il-proprjetà tal-Mellieħa sabiex tiddikjara li din il-proprjetà mhix tagħha iżda taz-zija. Dan sar ukoll b'referenza għall-każistika* Professur Anthony J. Mamo noe vs Nobbli Charles Sant Fournier noe, *kif ukoll* Carmela Farrugia v Giuseppe Farrugia. *Illi l-appellanta stqarret kif wara ż-żwieġ tagħha, hija akkwistat il-proprjetà ta' Birkirkara u li llum il-ġurnata hija r-residenza ordinarja tagħha. Fin-nota esprimiet ukoll kif hi u Stuart Brett kellhom*

*tarbija flimkien u kien juża l-indirizz tar-residenza tagħha ta' Birkirkara għall-finijiet ta' posta.*

*Illi permezz ta' ittra datata 26 ta' Marzu, 2021, id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali għamel referenza għas-sottomissjonijiet ippreżentati mill-appellanta, filwaqt li kompla jsostni fuq ir-risposta oriġinali datata 30 ta' Jannar, 2019;*

*Illi għalhekk l-Arbitru ħa janalizza dan l-appell mill-perspettiva li d-Dipartiment ħa d-deċiżjoni tiegħu abbażi tal-fatt li l-appellant tħallas żejjed is-somma ta' €17,947.89 fl-Għajnuna Soċjali għaliex kellha l-kapital jeċċedi, kif ukoll ma kinitx kap ta' familja;*

*Illi d-deċiżjoni tad-Dipartiment hija bbażata fuq iż-żewġ binarji surriferiti;*

*Illi b'referenza għar-raġuni li l-appellanta ma kinitx tifforma kap ta' familja, wieħed tajjeb li jinnota li l-Artikolu 30(6) tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid illi: "...* l-Għajnuna Soċjali li għaliha l-kap ta' familja jkun intitolat għandha tkun dak l-ammont fil-ġimgħa li twassal il-mezzi fil-ġimgħa totali tal-membri kollha tal-familja tiegħu li skont dan l-Att la jkunu persuni impjegati u lanqas persuni li jaħdmu għalihom infushom ...". *Illi dan ifisser li l-unika rekwiżit sabiex wieħed ikun intitolat għall-Għajnuna Soċjali huwa li wieħed ikun kap ta' familja;*

*Illi minkejja li d-Dipartiment wera li l-*ex partner *tal-appellanta kellu l-indirizz tiegħu juri li qiegħed jirrisjedi fil-proprjetà tagħha ġewwa Birkirkara, l-Arbitru mhuwiex sodisfatt li d-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali ġab raġunijiet biżżejjed sabiex jistipula li l-appellanta ma kinitx kap ta' familja u dan għaliex l-appellanta xehdet permezz ta' affidavit, li l-*ex partner *tagħha kien qiegħed juża l-indirizz tagħha minħabba l-fatt li kien ta' spiss ibiddel ir-residenza tiegħu;*

*Illi fid-dawl ta' dan il-fatt, meta wieħed jara x-xhieda tad-Dipartiment jidher biċ-ċar illi ma hemmx evidenza biżżejjed li turi li l-appellanta ma kinitx verament kap ta' familja, u dan abbażi tal-fatt li d-Dipartiment serraħ biss fuq sempliċiment karta tal-identità;*

*Illi t-tieni raġuni tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali li fuqha qiegħed jordna l-ħlas żejjed fl-Għajnuna Soċjali hija minħabba l-fatt li l-appellanta għandha kapital li jeċċedi u dan għaliex huwa jaħseb li l-appellanta għandha żewġ proprjetajiet, waħda minnhom li tiswa €815,000;*

*Illi l-Arbitru wara li sema' l-partijiet u ra d-dokumenti esebiti f'dan il-proċess, jagħmel referenza għall-affidavit datata 23 ta' Jannar, 2018 kif ukoll referenza għan-nota ta' sottomissjonijiet intavolata mill-appellanta fejn fl-affidavit hi stqarret li kienet tokkupa l-appartament fil-*basement *tal-proprjetà tal-Mellieħa sabiex tkun tista'*

> *tgħin fil-*'laundry'*u l-qadi tal-ġurnata, filwaqt li fin-nota ta' sottomissjonijiet stqarret li l-proprjetà ta' Birkirkara hija r-residenza ordinarja tagħha;*
>
> *Illi minkejja din id-dikjarazzjoni, l-Arbitru jinnota wkoll li l-kuntratt tal-mandat* presta nome *li jindika liz-zija tal-appellanta bħala l-proprjetarja tal-proprjetà tal-Mellieħa. B'referenza għas-sentenza* Francis Saviour Mifsud v. Maria Carmela Mifsud et, *il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tenniet kif* "l-effett tal-kisba ta' ġid minn presta nome huwa dak li l-ħaġa ssir tal-mandat minnufih u mhux malli ssir it-talba lill-mandatarju";
>
> *Illi dan ifisser, li minkejja li jista' jkun li l-appellanta qiegħda minn ħin għal ħin tokkupa l-appartament fil-*basement *tal-proprjetà tal-Mellieħa, dan qiegħda tagħmlu b'mera tolleranza taz-zija tagħha, li hija l-proprjetarja tal-proprjetà tal-Mellieħa.*
>
> *Illi għalhekk l-Arbitru mhuwiex konvint li l-appellanta għandha żewġ proprjetajiet meta l-mandat* presta nome *juri b'mod ċar kristall li l-proprjetà tal-Mellieħa hija prinċipalment taz-zija tagħha.*
>
> ***DECIDE***
>
> *Għaldaqstant u għar-raġunijiet surriferiti, l-Arbitru qiegħed jaqta' u jiddeċiedi li jilqa' l-appell interpost mill-appellanti u jordna l-appellat Direttur tas-Sigurtà Soċjali sabiex jirrevoka d-deċiżjoni tiegħu datata 22 ta' Mejju, 2018."*

## <u>L-Appell</u>

8. Id-Direttur Ġenerali appellant ressaq l-appell tiegħu minn din id-deċiżjoni fit-30 ta' Novembru, 2022, fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tirrevokaha u tannullaha, filwaqt li tgħaddi biex tikkonferma d-deċiżjoni tiegħu tat-22 ta' Mejju, 2018. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat għaliex bid-deċiżjoni tal-Arbitru, u għandu jirriżulta li dan għamel apprezzament ħażin tal-provi, applika disposizzjonijiet tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li ma japplikawx għall-każ odjern, u naqas milli japplika d-disposizzjonijiet relattivi tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta. Żied jgħid, li fil-parti tad-deċiżjoni fejn l-Arbitru applika l-liġi, l-Arbitru għamel interpretazzjoni ħażina tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta.

9. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant spjega li l-Arbitru għamel apprezzament ħażin tal-provi prodotti. Qal li filwaqt li huwa konsapevoli li din il-Qorti m'għandhiex kompetenza biex tagħmel rivalutazzjoni tal-provi, kif għamlu qabilha d-Direttur tas-Sigurtà Soċjali u l-Arbitru, din il-Qorti għandha tuża d-diskrezzjoni tagħha meta jirriżultalha li l-Arbitru uża ġudizzju żbaljat biex wasal għad-deċiżjoni tiegħu. L-appellant qal li l-Arbitru uża b'mod ħażin id-diskrezzjoni mogħtija lilu, u għalhekk huwa meħtieġ li ssir rivalutazzjoni tal-provi, għaliex bid-deċiżjoni appellata, ser tiġi kkaġunata inġustizzja u ser jinħoloq preċedent ikrah. L-appellant qal li minkejja li mill-atti jirriżulta li l-appellata kienet qiegħda tirrisjedi fl-istess residenza ma' Anthony Stuart Brett, u minkejja li rriżulta li bix-xiri tal-proprjetà fil-Mellieħa, l-appellata eċċediet l-iskala stabbilita mill-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Arbitru xorta waħda ddeċieda favur tagħha. L-appellant qal li l-proprjetà fil-Mellieħa nxtrat mill-appellata waqt li hija kienet qiegħda tirċievi l-għajnuna soċjali.

10. L-appellant qal li l-Arbitru naqas milli jieħu konjizzjoni ta' diversi provi konfliġġenti, fosthom il-fatt li waqt ir-reviżjoni tal-applikazzjoni għall-għajnuna soċjali[1], l-appellata ddikjarat li għandha "*summer residence in Mellieħa which clt's auntie bought for her*" u "*main residence in B'Kara".* Fl-istess applikazzjoni, fil-parti dwar kif inhi komposta l-familja tal-applikanta, hija niżżlet isimha u isem uliedha, iżda ħalliet barra isem is-sieħeb tagħha. L-appellant qal li għalhekk għandu jirriżulta li fl-istadju tal-applikazzjoni, l-appellata stess indikat li għandha żewġ residenzi u li waħda minnhom xtratielha z-zija, u mhux li hij xtratha f'isem iz-zija, kif iddikjarat sussegwentement. Qal li kieku l-appellata verament kienet

[1] *A fol.* 108 *et seq.* tal-proċess.

qiegħda tidher bħala *presta nome* fix-xiri tal-proprjetà fil-Mellieħa, dan jirriżulta mill-kuntratt innifsu, u l-appellata ma kinitx tindika fl-applikazzjoni tagħha li għandha żewġ proprjetajiet, u li waħda minnhom tintuża bħala *summer residence.* L-appellant qal ukoll li mill-kopja tal-konvenju dwar il-proprjetà fil-Mellieħa, datat it-23 ta' Ġunju, 2014, u anke skont il-kuntratt ta' bejgħ tat-22 t'Awwissu, 2014, kemm Stuart Anthony Brett kif ukoll l-appellata ddikjaraw li kienu jirrisjedu Birkirkara. L-appellant qal li kienu Brett u l-appellata li ħadu self bankarju biex jiffinanzjaw parti mix-xiri tal-proprjetà fil-Mellieħa bħala *home loan,* u skont id-dokumenti tal-APS Bank li ġew esebiti, għandu jirriżulta li l-proprjetà fil-Mellieħa kellha tintuża bħala *main residence.* L-appellant staqsa jekk il-proprjetà fil-Mellieħa kellha tintuża bħala residenza ewlenija mill-appellata u mis-sieħeb tagħha, id-dar f'Birkirkara għal liema skop kellha tintuża? L-appellant għamel riferiment għall-kuntratt tal-akkwist tal-proprjetà fil-Mellieħa, u qal li l-appellata ddikjarat fl-appell li hija ressqet quddiem l-Arbitru, li hi, Josephine Calleja u Stuart Brett kienu poġġew ir-riżorsi tagħhom flimkien sabiex setgħet tinxtara l-proprjetà fil-Mellieħa. L-appellant għamel riferiment ukoll għall-*affidavit* tal-appellata fejn iddikjarat li l-proprjetà fil-Mellieħa hija maqsuma fi tliet partijiet, u hi, Brett, u Josephine Calleja jgħixu f'sulari differenti ta' din il-proprjetà. L-appellant għamel riferiment ukoll għall-*affidavit* tan-Nutar Maria Spiteri, li ppubblikat il-kuntratt ta' bejgħ relattiv, li fl-ebda ħin ma ddikjarat li l-appellata kienet qiegħda tidher biss bħala *presta nome.*

11. L-appellant qal li l-appellata semmiet il-kelma *presta nome* quddiem l-Arbitru, fejn spjegat li z-zija tagħha ma setgħetx tieħu self bankarju minħabba fl-età tagħha, u mill-*mandate agreement* tal-10 ta' April, 2014 bejn Josephine Calleja u l-appellata, tniżżel li l-appellata kienet avviċinat lill-APS Bank, spjegat li

kellha bżonn self bankarju sabiex setgħet takkwista l-proprjetà fil-Mellieħa, u li l-akkwist ta' din il-proprjetà kien qiegħed isir għan-nom ta' Josephine Calleja. Tniżżel ukoll li dan l-arranġament ġie vverbalizzat quddiem in-Nutar Maria Spiteri, iżda l-appellant żied jgħid li dan il-ftehim ma jirriżultax li sar bil-miktub quddiem Nutar. Qal ukoll li minkejja li l-liġi ma tispeċifikax li mandat jew prokura għandu jsir quddiem Nutar Pubbliku, iżda jista' jsir bil-fomm, fl-ambitu tal-verżjonijiet konfliġġenti mogħtija mill-appellata, dan l-allegat ftehim ma jagħtix is-serħan il-moħħ lid-Direttur Ġenerali appellant dwar il-veraċità tal-kontenut tiegħu. L-appellant irrefera wkoll għad-dikjarazzjoni tat-23 ta' Ottubru, 2014 iffirmata mill-appellata u n-Nutar Maria Spiteri bħala xhud tal-firma u tal-identità, fejn ġie ddikjarat li l-appellata hija s-sid ta' 80% indiviż tad-dar numru 26, Triq Giovanni Papaffy, Ta' Paris, Birkirkara, u li dan il-fond jikkostitwixxi r-residenza primarja tagħha. F'din id-dikjarazzjoni ntqal ukoll li l-appellata kienet akkwistat sehem indiviż mis-subutile dominju temporanju għar-rimanenti żmien minn 150 sena, li bdew fid-9 ta' Novembru, 1963, tal-proprjetà 454, Triq il-Buffala, Mellieħa, u li din il-proprjetà kellha tintuża mill-appellata bħala "*summer residence*", filwaqt li Josephine Calleja kellha tuża dan il-fond bħala r-residenza ordinarja u primarja tagħha. L-appellant qal li għalhekk hemm numru ta' kwistjonijiet li kellhom iwasslu lill-Arbitru jiċħad l-appell tar-rikorrenti u jikkonferma d-deċiżjoni tiegħu, għaliex hija tat diversi verżjonijiet konfliġġenti li m'għandhomx jitwemmnu.

12. L-appellant qal li għalhekk huwa mhux konvint li l-appellata ma kinitx teċċedi l-iskala ta' €14,000, u żied jgħid li l-proprjetà fil-Mellieħa kienet inxtrat minnha waqt li kienet qiegħda tirċievi l-għajnuna soċjali. L-appellant qal li anke f'każ li jirriżulta li l-proprjetà fil-Mellieħa ġiet iffinanzjata miz-zija tal-appellata,

huwa mhux sodisfatt li l-appellata dehret biss bħala *presta nome* fuq il-kuntratt, u ladarba jirriżulta li l-appellata għandha żewġ proprjetajiet f'isimha, m'hemm l-ebda dubju li l-assi tagħha jeċċedu l-iskala. L-appellant spjega wkoll li l-perijodu li dwaru qiegħed jintalab ħlas lura mingħand l-appellata huwa l-perijodu li fih l-appellata bdiet tirrisjedi mas-sieħeb li għandha wild miegħu, u kien hemm li l-appellant ma baqax sodisfatt li l-appellata għandha titqies bħala Kap tal-Familja.

13. L-appellant qal li l-Arbitru kien żbaljat meta kkonsidra *'li huwa mhuwiex konvint li l-appellata għandha żewġ proprjetajiet għaliex il-mandat* presta nome *juri b'mod ċar kristall li l-proprjetà fil-Mellieħa hija prinċipalment taz-zija tagħha'.* L-appellant qal li l-verżjonijiet konfliġġenti li rriżultaw, kellhom iwasslu lill-Arbitru għal konklużjoni kontra l-appellata, li min-naħa tagħha naqset milli tressaq lil Josephine Calleja bħala xhud dwar l-allegat *presta nome,* u naqset ukoll milli tipproduċi bħala xhud lil Anthony Stuart Brett sabiex jixhed dwar iż-żmien li fih kien qiegħed jgħix mal-appellata. Qal li kien jinkombi fuq l-appellata li tipprova li fil-perijodu in kwistjoni hija kienet Kap tal-Familja. Qal li l-appellata naqset milli tindika fl-applikazzjoni tal-24 ta' Ġunju, 2016, li Anthony Stuart Brett kien jirrisjedi fl-indirizz tagħha, u l-appellata mhijiex kredibbli meta tgħid li Brett kien qiegħed juża l-indirizz ta' Birkirkara għal skopijiet ta' posta, meta jirriżulta li l-appellata u Brett anki għandhom wild bejniethom. L-appellant qal li in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, għandu jirriżulta li l-Arbitru m'għamilx apprezzament korrett tal-provi, u għalhekk hemm raġuni valida biex din il-Qorti tagħmel rivalutazzjoni tal-provi stante li l-ħlas żejjed lill-appellata sar għaliex hija naqset milli tiddikjara kollox, ma kinitx Kap tal-Familja, u bix-xiri tal-proprjetà fil-Mellieħa qiegħda teċċedi l-iskala stabbilita mil-liġi.

14. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu, l-appellant qal li l-Arbitru applika disposizzjonijiet tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li mhumiex applikabbli għal dan il-każ, u naqas milli japplika d-disposizzjonijiet applikabbli tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellant qal ukoll li fil-parti tad-deċiżjoni appellata fejn l-Arbitru applika l-liġi, huwa għamel interpretazzjoni ħażina tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta.

15. L-appellant qal li l-punt tat-tluq għandu jkun f'liema kuntest l-appellata dehret fuq il-kuntratt dwar il-proprjetà fil-Mellieħa, jekk hux taħt kundizzjonijiet ta' self, *presta nome,* donazzjoni jew jekk il-proprjetà nxtratx għaliha nnifisha. L-appellant qal li l-Arbitru applika d-disposizzjonijiet tal-mandat *presta nome* meta dawk id-disposizzjonijiet tal-liġi ma japplikawx, għaliex ma nġabitx prova sufficjenti li l-appellata dehret fuq il-kuntratt ta' bejgħ tal-proprjetà fil-Mellieħa bħala *presta nome.* L-appellant qal ukoll li b'żieda ma' dan, kellhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm f'dak li jirrigwarda l-benefiċċju tal-għajnuna soċjali, dwar min huwa kkunsidrat bħala 'Kap tal-Familja' u anke dwar l-obbligu li l-benefiċjarja tinforma lid-Dipartiment bil-miktub b'kull bidla fiċ-ċirkostanzi tagħha.

16. L-appellant qal li l-appellata ppreżentat diversi raġunijiet konfliġġenti dwar ix-xiri tal-proprjetà fil-Mellieħa, li ħadet self biex tiffinanzja parti mix-xiri tagħha. Qalet li din il-proprjetà ġiet akkwistata għaz-zija tagħha, qalet li hija *summer residence,* qalet li tgħix Birkirkara, u drabi oħra qalet li fil-proprjetà tal-Mellieħa jgħixu hi, iz-zija u s-sieħeb tagħha. L-appellant qal li dak li jirriżulta huwa li l-appellata dehret fuq il-kuntratt bħala waħda mix-xerrejja, tant hu hekk li ssellfet parti mill-prezz mill-bank, u fl-ebda ħin ma indikat li kienet qiegħda

taġixxi f'isem iz-zija tagħha. L-appellant qal li l-Arbitru ma kienx korrett meta applika għaċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili, li jirregolaw il-mandat *presta nome.* Qal li minbarra li jelimina l-kunċett ta' *presta nome,* l-Arbitru kellu wkoll l-obbligu li jara li l-liġi tas-sigurtà soċjali tiġi applikata. Spjega li l-Għajnuna Soċjali hija regolata bl-artikolu 30 tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, li jirregola kif isir il-kalkolu tal-mezzi tal-applikant għall-eliġibbilità għall-għajnuna soċjali. L-appellant qal li l-Arbitru kellu l-obbligu li japplika d-disposizzjonijiet relattivi tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta qabel ma jasal għad-deċiżjoni tiegħu, xi ħaġa li l-Arbitru naqas milli jagħmel. Qal ukoll li m'hemmx dubju li x-xiri mill-appellata ta' proprjetà ġewwa l-Mellieħa waqt li kienet qiegħda tirċievi l-Għajnuna Soċjali, eċċeda l-massimu tar-riżorsi kapitali, u għalhekk għandu jirriżulta li huwa kien korrett meta talabha tirrifondi flus imħallsa lilha diġà. L-appellant qal li l-appellata qiegħda tintalab tirrifondi flus imħallsa lilha mid-29 ta' Settembru, 2012, jiġifieri minn meta mal-appellata kien jgħix Anthony Stuart Brett, sal-10 ta' Frar, 2017, jiġifieri sal-aħħar data li fiha rċeviet l-Għajnuna Soċjali. Qal li l-appellata naqset milli tindika min kien jgħix magħha f'dan il-perijodu, u għalhekk hija ma setgħetx tibqa' meqjusa bħala Kap tal-Familja. L-appellant qal ukoll li l-appellata kellha l-obbligu tinforma lid-Dipartiment bit-tibdil fiċ-ċirkostanzi tagħha, jiġifieri li magħha kien hemm jgħix Anthony Stuart Brett. Qal li għalhekk l-appellata kisret il-fiduċja li suppost kienet tgawdi mad-Dipartiment. B'żieda ma' dan, l-appellant qal li hu x'inhu t-tibdil, l-appellata kellha obbligu li tinforma lid-Dipartiment b'kull tip ta' tibdil, għaliex hija tiddependi fuq l-Istat biex tgħajjex lilha nnifisha u lil uliedha. L-appellant qal li kull dikjarazzjoni hija importanti għad-Dipartiment, sabiex meta jkun xieraq dan ikun jista' jagħmel il-verifiki tiegħu dwar il-kontinwazzjoni tal-validità taċ-

ċirkostanzi li kien ippreżentat bihom meta l-appellata applikat għall-benefiċċju tal-għajnuna soċjali.

17. L-appellant qal li b'żieda ma' dan, l-Arbitru għamel interpretazzjoni ħażina tal-liġi meta għamel riferiment għall-artikolu 30(6) tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, partikolarment fejn l-Arbitru kkonsidra li l-uniku rekwiżit sabiex wieħed ikun intitolat għall-Għajnuna Soċjali huwa li jkun Kap ta' Familja. Qal li dan mhux korrett, għaliex apparti r-rekwiżit li wieħed ikun Kap ta' Familja, hemm rekwiżiti oħra li għandhom jiġu sodisfatti, fosthom li l-flus u l-valur kapitali tal-proprjetà ma jkunux jeċċedu l-massimu ta' €14,0000. Qal li għalhekk huwa tal-fehma li l-Arbitru għamel apprezzament ħażin tal-provi; applika d-disposizzjonijiet tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li mhumiex applikabbli għall-każ meta aċċetta li l-appellata dehret fuq il-kuntratt għax-xiri tal-proprjetà fil-Mellieħa bħala *presta nome;* naqas milli japplika d-disposizzjonijiet tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta; u għamel interpretazzjoni ħażina tal-liġi, senjatament dwar l-artikolu 30(6) tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta. Finalment l-appellant qal li għandu jirriżulta li l-Arbitru naqas milli japplika l-prinċipji ta' ekwità u ta' ġustizzja skont l-obbligu impost fuqu bl-artikolu 108(9) tal-Kap. 318.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

18. L-appellata, fir-risposta tagħha qalet li l-aggravji sollevati mill-appellant huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda. Qalet li hija għandha kundizzjoni kronika, inkurabbli u deġenerattiva (*sensory neuropathy*), u minn meta kienet għadha tifla żgħira hija kellha problemi serji fil-familja, tant hu hekk li hi u ħuha trabbew miz-zijiet tagħhom, Alfred u Josephine Calleja, li

min-naħa tagħhom ma kellhomx tfal. L-appellata spjegat li z-zija tagħha kellha proprjetà n-Naxxar li kienet biegħet wara l-mewt ta' żewġha. Sussegwentement kienet xtrat *penthouse* fil-Gżira, li biegħet fl-2014 bil-prezz ta' €455,000. L-appellata qalet li l-bejgħ kellu jsir għaliex il-proprjetà tal-Gżira ma kinitx aktar vijabbli għaz-zija tagħha, li sadanittant żviluppat problemi ta' saħħa u mobbilità. Qalet li l-għada li biegħet il-proprjetà fil-Gżira, iz-zija tagħha akkwistat l-proprjetà fil-Mellieħa, u biex seta' jsir dan l-akkwist kien hemm il-ħtieġa ta' self fl-ammont ta' €55,000 mill-bank. L-appellata qalet li l-bank ma kienx dispost jislef dan l-ammont lil Josephine Calleja, u għalhekk l-unika għażla li kien hemm kienet li Josephine Calleja tidħol f'kuntratt ta' *presta nome* mal-appellata sabiex dan is-self isir lill-appellata. L-appellata qalet li dan il-kuntratt ta' *presta nome* sar fl-10 ta' April, 2014. Qalet ukoll li hija ma kellhiex biżżejjed introjtu dak iż-żmien biex setgħet tagħmel tajjeb għal dan is-self, u kien għalhekk li għal dan l-akkwist involviet lill-ħabib tagħha, Stuart Brett. Qalet li Brett kien ser jidħol f'dan il-kuntratt u għall-pagamenti addizzjonali, u għalhekk dan ried garanzija li seta' jirrisjedi f'din il-proprjetà. Qalet li l-ftehim kien għalhekk li Brett ikollu 20% ta' din il-proprjetà fil-Mellieħa, filwaqt li l-bqija tal-prezz tal-proprjetà kellu jitħallas mill-bejgħ tal-proprjetà taz-zija tagħha. L-appellata qalet li hija applikat għal reviżjoni tal-Għajnuna Soċjali fl-24 ta' Ġunju, 2016, u fit-22 ta' Mejju, 2018, id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali infurmaha li hija kienet tħallset żejjed l-ammont ta' €17,947.89 f'Għajnuna Soċjali għall-perijodu bejn id-29 ta' Settembru, 2012 sal-10 ta' Frar, 2017.

19. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellant, l-appellata qalet li din il-Qorti m'għandhiex kompetenza tagħmel rivalutazzjoni tal-provi. Spjegat li l-kuntratti ffirmati, id-dikjarazzjoni tan-Nutar Maria Spiteri, il-*bank statements,* l-

*affidavit* tagħha, u l-bqija tal-provi prodotti quddiem l-Arbitru, ma jħallu l-ebda dubju dwar il-konklużjoni milħuqa minnu, jiġifieri li l-proprjetà tal-Mellieħa nxtrat minn Josephine Calleja u minn Stuart Brett u mhux mill-appellata. Qalet li l-appellant straħ fuq sempliċi ID card ta' Stuart Brett, meta kkonkluda b'mod superfiċjali li Brett kien il-Kap tal-Familja. Qalet li l-provi li l-appellant jgħid li kienu konfliġġenti, ma kienu konfliġġenti xejn, u fl-applikazzjoni tagħha tal-24 ta' Ġunju, 2016, hija ma niżżlitx isem Stuart Brett għaliex dan ma kienx qiegħed jgħix fil-proprjetà magħha, kif ukoll għax f'dak iż-żmien ma kienx is-sieħeb tagħha. Qalet li meta għamlet l-applikazzjoni fl-2016, hi u Brett ma kellhomx x'jaqsmu flimkien, għajr li bejniethom kellhom tifla. Qalet li l-proprjetà ta' Birkirkara hija proprjetà esklussiva tagħha, u tintuża bħala r-residenza ordinarja tagħha, u ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn l-appellant jikkonkludi li Brett jirrisjedi magħha jew li huwa 'l-Kap tal-Familja' sempliċiment minħabba reġistrazzjoni ta' karta tal-identità da parti tiegħu għal raġunijiet prattiċi.

20. L-appellata qalet li hi u Brett temmew ir-relazzjoni tagħhom fl-2010, ftit wara li kellhom it-tifla, iżda baqgħu f'kuntatt ma' xulxin. Qalet li hija ppermettiet lil Brett jagħmel użu mill-indirizz tagħha għaliex huwa raġel ta' nazzjonalità barranija mingħajr familja f'Malta u mingħajr proprjetà, u għalhekk spiss kien ibiddel ir-residenza tiegħu f'Malta, skont fejn isib l-irħas kera. Qalet li hija ddikjarat li l-proprjetà fil-Mellieħa tintuża minnha bħala *summer residence* tagħha sabiex tkun trasparenti mal-awtoritajiet, għaliex kienet hi li dehret fuq il-kuntratt finali tal-akkwist, iżda biss bħala *presta nome.* Qalet li hija kienet iżżomm kuntatt mar-*Regional Manager* tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali Irene Azzopardi, u ma' ċerta Nadia Grech, u kienet iżżommhom infurmati b'kollox. Qalet li hi, Stuart Brett, u z-zija tagħha Josephine Calleja, kienu

infurmaw lill-APS Bank b'dan l-arranġament, jiġifieri li hija riedet tidher fuq il-kuntratt bħala *presta nome* għaliex iz-zija tagħha ma setgħetx tieħu self bankarju, iżda l-bank m'aċċettax din il-proposta. Qalet li mill-*bank statements* esebiti għandu jirriżulta wkoll li hija qatt ma ħallset flus għall-proprjetà fil-Mellieħa, u li kienu z-zija tagħha Josephine Calleja u Stuart Brett li ħallsu għal din il-proprjetà. Qalet li l-arranġament kien li kull wieħed mill-partijiet involuti f'dan il-ftehim jieħu sular differenti minn din id-dar.

21. L-appellata qalet li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn il-perijodu tal-allegat ħlas żejjed kellu jibda mid-29 ta' Settembru, 2012, għaliex il-kuntratti tal-proprjetajiet huma kollha aktar viċin minn din id-data. Spjegat li minħabba l-assunzjoni żbaljata tad-Direttur Ġenerali appellant, Brett li baqa' jgħix magħha anki wara li ntemmet ir-relazzjoni ta' bejniethom, ġie meqjus li b'xi mod huwa 'l-Kap tal-Familja'. Qalet ukoll li qatt ma nġabet prova li Brett jgħix fid-dar ta' Birkirkara, jew li huwa 'l-Kap tal-Familja'. Qalet li Brett ried jipparteċipa f'dan il-ftehim għaliex ma kellux post fiss fejn jirrisjedi, u għax kien għadu kif biegħ proprjetà li kellu fir-Renju Unit. Qalet li hija rnexxielha tipprova li qatt ma ħarġet flus għall-akkwist ta' din il-proprjetà, u l-mandat kien wieħed espress.

22. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellant, l-appellata qalet li dan ukoll għandu jiġi miċħud, għaliex il-provi kollha għandhom jindikaw li hija dehret fuq il-kuntratt tal-akkwist tal-proprjetà fil-Mellieħa bħala *presta nome.* Qalet li huwa għalhekk li l-Arbitru ma kellu l-ebda għażla għajr li japplika l-liġi tal-*presta nome.* Qalet ukoll li l-liġi tagħna tippermetti li l-mandat *presta nome* jsir bil-fomm, u hija marret oltre minnhekk stante li hi u Josephine Calleja daħlu fi ftehim bil-miktub dwar dan. Kompliet tgħid li din hija l-aħjar prova li hija setgħet

iġġib fir-rigward. Qalet ukoll li kuntrarjament għal dak allegat mill-appellant, hija dejjem żammet lid-Direttur Ġenerali appellant infurmat b'kull tibdil li hija kellha f'ħajjitha, u anki kienet infurmat lid-Dipartiment b'din il-proprjetà minkejja li ma kellhiex għalfejn, għaliex din mhijiex proprjetà tagħha.

23. L-appellata rreferiet għall-*mandate agreement* bid-data tal-10 ta' April, 2014, u qalet li minn dan għandu jirriżulta li hija ma kellha l-ebda dritt fuq il-proprjetà fil-Mellieħa, u hija dehret fuq il-kuntratt biss bħala *presta nome.* L-appellata qalet ukoll li mhux ikkontestat illi l-Għajnuna Soċjali hija regolata mill-artikolu 30 tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-valur tal-proprjetà fil-Mellieħa m'għandux jitqies fil-komputazzjoni tal-valur tal-kapital tagħha, għaliex hija dehret fuq dan il-kuntratt biss bħala *presta nome* u din mhijiex proprjetà tagħha. Qalet li din il-proprjetà ma tistax tiġi investita jew użata bi qligħ, għaliex il-*mandate agreement* iffirmat bejnha u z-zija tagħha ma jippermettix dan, kif ukoll għaliex il-proprjetà in kwistjoni mhijiex tagħha. Qalet li in kwantu għall-obbligu tagħha li żżomm lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali infurmat b'kull tibdil fiċ-ċirkostanzi tagħha, hija dejjem ħadet ħsieb li tagħmel dan, u qabel ġie ffirmat il-kuntratt tal-akkwist tal-proprjetà fil-Mellieħa, hija stess marret tkellem lill-uffiċjali fl-uffiċċju tas-Sigurtà Soċjali f'Birkirkara.

24. L-appellata qalet li hija tissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-artikolu 30(6) tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, u d-Direttur Ġenerali appellant assuma, mingħajr ma ġab l-ebda prova, li Stuart Brett kien 'il-Kap tal-Familja', li kien imantni lill-appellata u lil uliedha, u li b'xi mod baqa' jgħix mal-appellata anki wara li r-relazzjoni bejniethom intemmet, u anki wara li xtara sehem fil-proprjetà fil-Mellieħa, u dan għaliex l-appellant injora għal kollox il-*mandate agreement* u l-

provi kollha li rriżultaw quddiem l-Arbitru. Qalet li s-sidien tal-proprjetà fil-Mellieħa huma Josephine Calleja u Stuart Brett, u hija kienet 'il-Kap tal-Familja' billi fendiet għal rasha, mantniet lilha nnifisha u lil uliedha bl-għajnuna mill-Istat li kienet tirċievi.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

25 . Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant, u dan fid-dawl tas-sottomissjonijiet magħmulin mill-appellata, u ta' dak li qal l-Arbitru fid-deċiżjoni appellata.

*L-ewwel aggravju:* *[apprezzament ħażin tal-provi]*

26. L-appellant jikkontendi li l-Arbitru għamel ġudizzju żbaljat biex wasal għall-konklużjonijiet tiegħu, u talab lil din il-Qorti tagħmel rivalutazzjoni tal-provi għaliex id-deċiżjoni appellata hija waħda li fil-fehma tiegħu wasslet biex saret inġustizzja. L-appellant isostni li l-appellata tat diversi verżjonijiet konfliġġenti tal-fatti, u dawn il-verżjonijiet differenti kellhom iwasslu lill-Arbitru għall-konklużjoni li hija ma dehritx fuq il-kuntratt bħala *presta nome*, iżda hija akkwistat il-proprjetà tal-Mellieħa, jew sehem indiviż minnha, f'isimha. L-appellant qal li meta fl-2016 l-appellata applikat għal reviżjoni tal-Għajnuna Soċjali, hija ddikjarat li għandha *summer residence* fil-Mellieħa, u residenza ordinarja ġewwa Birkirkara, u hija naqset milli tiddikjara li kien hemm Anthony Stuart Brett jgħix magħha fil-proprjetà tal-Mellieħa, li minnu kellha wild. Qal li kien hemm istanzi fejn l-appellata ddikjarat li z-zija tagħha Josephine Calleja, xtrat il-proprjetà fil-Mellieħa għall-appellata, u kien hemm drabi fejn l-appellata

qalet li hija tgħix ġewwa Birkirkara, u drabi oħra fejn qalet li hija qiegħda tgħix fil-proprjetà tal-Mellieħa. Qal ukoll li l-appellata u Brett ħadu self bankarju f'isimhom sabiex ikunu jistgħu jakkwistaw il-proprjetà fil-Mellieħa, u fis-*sanction letter* maħruġa mill-bank ġie ddikjarat li s-self ingħata bl-intiża li l-appellata u Brett jiġu mgħejjuna jiffinanzjaw l-akkwist tar-residenza ordinarja tagħhom. L-appellant għamel riferiment ukoll għall-parti tax-xhieda tal-appellata fejn qalet li hi, Anthony Stuart Brett, u z-zija tagħha Josephine Calleja, kienu għaqqdu r-riżorsi tagħhom flimkien sabiex setgħu jakkwistaw il-proprjetà fil-Mellieħa bejniethom.

27. Il-Qorti tqis li mill-atti jirriżulta li l-appellata hija persuna li ilha bosta snin issofri minn debilità severa li tillimitaha fil-ħajja ta' kuljum, u minkejja li kien hemm perijodu meta kienet miżżewġa lil Claude Savona, fejn ma kienet tirċievi l-ebda Għajnuna Soċjali, fl-aħħar snin hija kienet qiegħda tingħata l-Għajnuna Soċjali. Jirriżulta li fl-24 ta' Ġunju, 2016, l-appellata talbet għal reviżjoni tal-Għajnuna Soċjali li kienet qiegħda tirċievi, in vista tad-diżabilità severa tagħha. L-appellata spjegat li hija għamlet dan sabiex tkun tista' taħdem fl-istess waqt li tingħata xi forma ta' għajnuna minħabba d-diżabilità tagħha. It-tweġiba tad-Direttur Ġenerali appellant għal din l-applikazzjoni tal-appellata, kienet li kien sar ħlas żejjed lilha fl-ammont ta' €17,947.89 f'Għajnuna Soċjali għall-perijodu bejn id-29 ta' Settembru, 2012 u l-10 ta' Frar, 2017, li jkopri l-perijodu bejn meta Anthony Stuart Brett beda jgħix mal-appellata, sal-aħħar data li fiha hija rċeviet l-Għajnuna Soċjali. Huwa proprju għaliex id-Direttur Ġenerali appellant qiegħed jinsisti li fil-każ odjern saret inġustizzja, li din il-Qorti ħasset il-ħtieġa li tevalwa l-provi f'ċertu dettall, sabiex jiġi assigurat li la tinħoloq sitwazzjoni fejn l-appellata tingħata flus li mhijiex intitolata għalihom, b'dannu għall-erarju pubbliku, u

lanqas ma tinħoloq sitwazzjoni fejn persuna li qiegħda ssofri minn diżabilità severa, tispiċċa tgħix fil-faqar għaliex l-Istat jonqos milli jaħseb għaliha.

28. Il-Qorti tqis li l-provi li ressaq id-Direttur Ġenerali appellant sabiex isaħħaħ l-ewwel aggravju tiegħu, bl-ebda mod ma jippruvaw li l-appellata dehret fuq il-kuntratt tal-akkwist tal-proprjetà fil-Mellieħa f'xi vesti oħra għajr bħala *presta nome,* f'isem u għan-nom taz-zija tagħha. Mill-kopji tal-kuntratti esebiti fl-atti, jirriżulta li wara li z-zija tal-appellata biegħet il-proprjetà li kellha fin-Naxxar bi prezz li huwa viċin il-prezz li bih inxtrat il-proprjetà fil-Mellieħa, hija xtrat *penthouse* fil-Gżira, liema proprjetà l-appellata tgħid li ma kinitx komda għall-ħtiġijiet taz-zija tagħha. Kien għalhekk li wara xi żmien din il-proprjetà tal-Gżira nbiegħet ukoll, u l-appellata, iz-zija tagħha, u Anthony Stuart Brett iddeċidew li jgħaqqdu r-riżorsi tagħhom kollha flimkien sabiex ikunu jistgħu jixtru l-proprjetà fil-Mellieħa. Mill-*bank statements* esebiti, jirriżulta wkoll li l-appellata ma ħarġet l-ebda flus minn tagħha għall-akkwist tal-proprjetà fil-Mellieħa, minkejja li fuq is-*sanction letter* li nħarġet mill-bank hemm imniżżel isimha u isem Anthony Stuart Brett, u għalhekk hija obbligat ruħha flimkien ma' Brett li tħallas is-self bankarju ta' €55,000. Il-Qorti qieset ukoll li l-istqarrija li l-proprjetà fil-Mellieħa ser tintuża bħala "*summer residence*" mill-appellata, ma saritx minnha, iżda saret minn xi uffiċjal tad-Dipartiment, li fil-minuti fil-*file* relattiv spjega dak li aktarx qaltlu l-appellata. Il-Qorti ma ssib xejn li mhuwiex kredibbli fl-istqarrija li saret mill-appellata, li Anthony Stuart Brett irreġistra ruħhu bħala residenti fid-dar tagħha ta' Birkirkara in vista tal-fatt li dan kellu bżonn bażi hawn Malta. Ir-realtajiet soċjali ta' pajjiżna huma tali fejn diversi persuni qegħdin isibuha diffiċli li jikru jew li jixtru proprjetà għal rashom, u hemm bżonn li wieħed jifhem il-ħtiġijiet ta' min irid jgħix ma' membri oħra tal-

familja, jew ma' persuni li ma jiġu xejn minnhom, sempliċiment sabiex il-kera, jew bħal f'dan il-każ il-prezz tal-bejgħ tal-proprjetà jkun jista' jinqasam bejn aktar minn persuna waħda. Il-Qorti tirrileva wkoll li l-appellata rnexxielha ġġib diversi provi li juru li l-akkwist tal-proprjetà fil-Mellieħa sar miz-zija tagħha, li kif jirriżulta kellha l-mezzi biex tixtri wara l-bejgħ tal-proprjetà fin-Naxxar u l-*penthouse* fil-Gżira, u li fil-*mandate agreement* iffirmat bejn il-partijiet, hija għamlet diversi restrizzjonijiet fuq l-użu li l-appellata tista' tagħmel mill-proprjetà fil-Mellieħa. Il-Qorti tqis li l-*mandate agreement* jindika li l-appellata għandha l-fakultà li tgħix fil-proprjetà tal-Mellieħa għaliex iz-zija tagħha għandha gost biha, iżda essenzjalment l-appellata mhijiex libera li tagħmel atti li sidien tal-proprjetà normalment ikunu jistgħu jagħmlu bi ħwejjiġhom. Fi ftit kliem, din il-Qorti m'għandhiex l-istess tħassib li qiegħed juri d-Direttur Ġenerali appellant li l-appellata mhux vera dehret fuq il-kuntratt tal-akkwist tal-proprjetà fil-Mellieħa bħala *presta nome.* Il-fatt li z-zija tal-appellata Josephine Calleja, u Anthony Stuart Brett ma ttellgħux biex jixhdu quddiem l-Arbitru, mhuwiex fattur li kellu jiġi mqajjem f'aggravju fl-appell mid-Direttur Ġenerali appellant, u l-appellant kien fil-libertà li jekk ried jagħmel xi prova, ladarba huwa qiegħed jallega li l-appellata m'għandhiex dritt għall-benefiċċji soċjali li rċeviet fuq għadd ta' snin, huwa kellu jieħu ħsieb iħarrek lil kull persuna li setgħet tagħti l-informazzjoni meħtieġa mid-Dipartiment. Din il-Qorti mhijiex konvinta lanqas li kien hemm żmien meta Anthony Stuart Brett seta' jitqies bħala Kap tal-Familja fil-konfront tal-appellata. Fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, il-Qorti jkollha toqgħod fuq dak li stqarret l-appellata, li hija kellha relazzjoni ma' Brett li minnu twieldet tifla, iżda wara xi żmien din ir-relazzjoni ntemmet ukoll, minkejja li hi u Brett baqgħu ħbieb. L-appellant jgħid li huwa qiegħed jitlob rifużjoni tal-flus li

tħallsu lill-appellata b'effett mill-2012, għaliex l-appellata fl-applikazzjoni tagħha indikat li Anthony Stuart Brett kien qiegħed jgħix magħha fl-2012. Anki din id-dikjarazzjoni min-naħa tal-appellata, fiha nnifisha turi li l-appellata ma ħbiet xejn mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, żammet kuntatt regolari ma' uffiċjali tad-Dipartiment, u kienet trasparenti fl-istqarrijiet tagħha, sal-punt li fl-atti ġew esebiti d-dikjarazzjonijiet tal-VAT għal negozju żgħir li tiġġestixxi l-appellata. L-appellant ma kellu l-ebda kumment jew osservazzjoni x'jagħmel dwar dawn id-dikjarazzjonijiet, u qiegħed jibbaża s-sottomissjonijiet tiegħu li l-appellata għandha tirrifondi lura l-benefiċċji mħallsa lilha, fuq il-fehma tiegħu li hija mhijiex Kap tal-Familja, allegazzjoni li ma ġietx ippruvata bl-ebda mod, u li bl-akkwist tal-proprjetà fil-Mellieħa, l-appellata qiegħda teċċedi l-limiti tal-kapital li jista' jkollha biex tkun tista' tirċievi l-Għajnuna Soċjali. Iżda il-Qorti tinsab konvinta li l-akkwist tal-proprjetà fil-Mellieħa ma sarx mill-appellata, iżda l-esiġenzi taz-zija tagħha kienu jirrikjedu li l-appellata tidher bħala *presta nome,* għaliex is-sid vera tal-proprjetà hija z-zija tagħha, li wara kollox kienet hi li kellha l-mezzi biex setgħet tagħmel tajjeb għal dan l-akkwist. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[applikazzjoni ta' disposizzjonijiet li ma japplikawx għaċ-ċirkostanzi odjerni]*

29. Id-Direttur Ġenerali appellant jikkontendi li l-Arbitru kien żbaljat meta applika d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili li jirregolaw il-kuntratti *presta nome* għas-sitwazzjoni odjerna, għaliex fil-fehma tiegħu dan ma kienx każ fejn l-appellata dehret fuq il-kuntratt bħala *presta nome.* Il-Qorti diġà għamlet il-

konsiderazzjonijiet tagħha dwar ir-raġunijiet għalfejn għandu jitqies li l-appellata dehret fuq dan il-kuntratt bħala *presta nome,* u għaliex is-sitwazzjoni unika tagħha kienet tesiġi li hija tagħmel dan. Għaldaqstant tqis li anki dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu wkoll.

*It-tielet aggravju:* *[id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kap. 318 ma ġewx applikati]*

30. L-appellant jgħid li l-Arbitru naqas milli japplika d-disposizzjonijiet relattivi tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta. Jgħid li l-artikolu relattiv tal-liġi li japplika għas-sitwazzjoni tal-appellata huwa l-artikolu 30, u bix-xiri ta' proprjetà fil-Mellieħa waqt li kienet qiegħda tirċievi l-Għajnuna Soċjali, l-appellata eċċediet il-massimu tal-iskala permessa biex tkun tista' tirċievi din l-Għajnuna. Qal li hija qiegħda tintalab tirrifondi l-flus li tħallset żejda b'effett minn Settembru tal-2012, għaliex għandu jirriżulta li f'dak iż-żmien hija ma baqgħetx Kap tal-Familja.

31. Il-Qorti diġà għamlet l-osservazzjonijiet tagħha dwar l-allegazzjoni tad-Direttur Ġenerali appellant li l-appellata għal xi żmien ma baqgħetx meqjusa bħala Kap tal-Familja. Il-fatt li Anthony Stuart Brett irreġistra ruħhu fuq l-indirizz tal-appellata, u l-fatt li għal xi żmien dan kien f'relazzjoni magħha, bl-ebda mod m'għandhom ifissru li l-appellata ma baqgħetx Kap tal-Familja tagħha jew ma kinitx hi li kellha taħseb kif u b'liema mod hija ser tgħix u tgħajjex lil uliedha. Il-Qorti hawn tirrileva li d-Direttur Ġenerali appellant imkien ma qies li l-appellata tista' titqies li hija 'ġenitur singlu', apparti li hija wkoll 'Kap tal-Familja' u li f'ċirkostanzi fejn il-liġi tagħti lid-Direttur Ġenerali appellant diskrezzjoni sabiex jiddeċiedi min hu l-Kap tal-Familja, huwa għandu jkun aktar sensittiv għar-

realtajiet tas-soċjetà tagħna. Hawnhekk il-Qorti tirrileva li f'dawn il-proċeduri imkien ma nġabet prova ta' xi impjieg jew dħul minn negozju li jista' għandu Anthony Stuart Brett f'Malta, u għalhekk l-asserzjoni tad-Direttur Ġenerali appellant li dan b'xi mod kien għal xi żmien qiegħed imantni lill-appellata jew lil uliedha, kienet timmerita ferm aktar stħarriġ da parti tal-appellant. Mhux ġustifikat lanqas li jitqies li għaliex mara tkun f'relazzjoni ma' raġel, li mhuwiex il-każ hawnhekk, din awtomatikament ma tibqax meqjusa bħala Kap tal-Familja tagħha. Iċ-ċirkostanzi partikolari tal-appellata ġew spjegati fid-diversi minuti li hemm fil-*file* tagħha esebit in atti fl-intier tiegħu, u d-Direttur Ġenerali appellant ċertament li kien edott mill-fatti kollha qabel ħa d-deċiżjoni tiegħu, inkluż li la l-ex raġel tal-appellata u lanqas Brett ma jħallsu manteniment b'mod regolari għal uliedhom, għajr għall-ħlas ta' xi spejjeż relatati mal-edukazzjoni kull tant żmien, u b'mod li ma kienx regolari. Għalhekk il-konklużjoni tad-Direttur Ġenerali appellant li l-appellata m'għandhiex titqies aktar bħala Kap tal-Familja għaliex għal xi żmien Brett kien irreġistrat bħala residenti fil-proprjetà tagħha ta' Birkirkara, hija għal kollox gratwita u mingħajr bażi.

32. Il-Qorti tirrileva li d-Dipartiment appellant qiegħed jinsisti fuq il-valur tal-proprjetà fil-Mellieħa, sabiex jargumenta li l-valur tal-kapital tal-appellata jeċċedi l-massimu stabbilit fil-liġi (€14,000), u dan għaliex il-leġislatur eskluda mill-komputazzjoni tal-kapital tal-individwu, id-dar tar-residenza tal-persuni li japplikaw għall-għajnuna. Naturalment l-appellant kien ikun korrett fil-konsiderazzjonijiet tiegħu li kieku rriżulta li d-dar tal-Mellieħa hija proprjetà tal-appellata jew akkwistata f'isimha, li mhuwiex il-każ. Quddiem in-nuqqas ta' prova li l-appellata għandha xi sehem jew xi forma ta' titolu fuq il-proprjetà fil-Mellieħa, il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex gustifikat, u tiċħdu.

*Ir-raba' aggravju:* *[ir-rekwiżiti għall-intitolament]*

33. Id-Direttur Ġenerali appellant jgħid li l-Arbitru kien żbaljat meta kkonsidra li l-uniku rekwiżit għall-intitolament huwa li wieħed ikun il-Kap tal-Familja, u qal li rekwiżit importanti ieħor huwa li applikant ma jkollux flus u kapital li jeċċedu €14,000. Il-Qorti diġà spjegat li fil-każ odjern ma ġiex ippruvat li l-appellata ħarġet xi flus tagħha għax-xiri tal-proprjetà fil-Mellieħa, minkejja l-asserzjoni tal-appellant li l-appellata xtrat proprjetà ġewwa Santa Maria Estate bil-flus tal-Għajnuna Soċjali li qiegħda tingħata. Il-Qorti eżaminat il-kuntratti esebiti, u jirriżulta ampjament ippruvat li Josephine Calleja kellha l-mezzi biex tidħol għall-iffinanzjar tax-xiri tal-proprjetà fil-Mellieħa, għajr għal self żgħir li l-appellata kellha tieħu fuqha għaliex l-ebda bank ma kien ser jislef flus liz-zija tagħha li llum għandha l-età tagħha. L-appellant jgħid ukoll li l-appellata naqset milli tkun trasparenti fl-iżvelar ta' informazzjoni rilevanti, u b'hekk hija kisret ir-relazzjoni ta' fiduċja li kellha mad-Dipartiment. Il-Qorti tosserva li mill-atti esebiti għandu jirriżulta li dan mhux minnu, u mill-minuti fil-*file* relattiv li kien iżomm id-Dipartiment, għandu jirriżulta li l-appellata spiss kienet tmur fl-uffiċċju distrettwali tas-sigurtà soċjali, żvelat l-informazzjoni kollha relattiva, u matul is-snin tat lid-Dipartiment diversi dettalji, inkluż dawk personali. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, din il-Qorti mhijiex tal-fehma lanqas li l-Arbitru ma kienx ġust u ekwu fid-deċiżjoni li ta. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu wkoll.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż a karigu tal-istess appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**